**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 05/2024**
**26 ta' Settembru 2024**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fid-7:15 a.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Kylie D'Amato – Kunsillier (Skużata fit-8.30pm)
Connie Debattista - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Frederick Cutajar – Viċi Sindku

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

## 5.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Is-Seduta bdiet 45 minuta tard minħabba li l-Kunsill attenda għall-Laqgħa Pubblika

Is-Sindku infurmat li l-Viċi Sindku ma setgħax jattendi minħabba raġunijiet personali.

## 5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 3 u 4

Il-Minuti tal-Laqgħa 03-24 IX u 04-24 IX, ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati unanimament bl-emendi mitluba mill-Kunsillier Sciberass. Il-Kunsilliera Sciberras ippropona u l-Kunsilliera D'Amato tissekonda.

## 5.3 Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma 2024 – 2029

Il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament bl-emendi mitluba (Annex 1).

## 5.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

5.4.1 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera li l-**Accountant u Accountant Technician** ġdid huwa s-Sur Daniel Bugeja wara li l-Accountant preċedenti irriżenjat.

5.4.2 Is-Sindku ipproponiet impjegat li ilu jaħdem fil-Kunsill ta' Santa Luċija is-Sur Keith Parnis, jiġi maħtur bħala **Deputat Segretarju Eżekuttiv**, dan peress li bil-liġi, kull Kunsill irid ikollu DSE. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.3 Is-Sindku nfurmat li dwar is-sitwazzjoni tal-parkeġġ, li minn naħa ta' **SportMalta lil Santa Luċija FC** ~~ma ġiex mitlub il-kuntratt, minħabba li mhu ħa jibdel xejn~~ talbuhom kopja tal-kuntratt li sar mal-kumpanija privata iżda dan ma ġiex provdut. Minn meta Santa Luċija FC bdew jikru l-art lill-operatur, kissru kundizzjoni kontrattwali u qed jittieħdu passi legali. L-avukata ta' SportMalta infurmat li kieku ġie mgħoddi dan il-kuntratt qabel, il-kirja kienet titwaqqaf mill-bidu nett. Bħala kunsill qed nistennew mill-Avukata sabiex tiġi mibgħuta ittra legali lill-SportsMalta. Il-Kunsill qabel li tiġi organizzata protesta mill-aktar fis possibli, s-Sibt. Il-Kunsillier Sciberras talab li jkollna n-numru ta' referenza tal-Kaz tal-Qorti u li ssir l-laqgħa ma Santa Luċija FC ġewwa l-bini tal-Kunsill u magħhom iġibu l-kopja tal-kuntratt.

5.4.4 Is-Sindku infurmat lill-kunsilliera dwar kif ser napplikaw għall-**European Week for Waste Reduction 2024**. Il-kunsill qabel li ninvolvu lill-ECO Skola fil-compost bins, peress dan jinvolvi proċess, kif ukoll napplikaw għal basktijiet minn drapp hardwearing u jiġu nvoluti l-Active Ageing Centre. Bħala ħwienet jistgħu jisponsorjaw d-drapp u jitqassmu lir-residenti u lill-ħwienet.

5.4.5 Is-Sindku infurmat li **SPI/SCI/02/2024** ġiet approvata – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi. Dan il-proġett jinvolvi l-bdil tal-bqija tal-bandli u soft flooring li jinsab fi Triq Ineż Soler.

5.4.6 Is-Sindku infurmat li ġejna avviċinati minn kumpanija li tipprovdi l-**HSBC Merħba Locality Signs**. Il-Kunsill qabel li jsiru f'4 sites (dħul u ħruġ), ħdejn ir-roundabout tal-Boċċi, ħdejn l-iskola, Triq Santu Kristu u ħdejn il-girna. Il-Kunsilliera D'Amato talbet li tiġi mibgħuta t-template qabel.

**5.4.7** Is-Sindku attendiet għal laqgħa mal-**Public Works rigward framework agreement**. Dan l-agreement jinvolvi tiswijiet u manutenzjoni ta' culverts, bankini, patching, bini ta' ħajt (barra ħitan tas-sejjieħ, u xogħoli minuri oħra. Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija għandu €125,000.00 f'fondi din is-sena. Il-Kunsill irid jipprovdi lill-Public Works il-BOQ tal-perit kif ukoll siteplans. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal Triq Oleander, Triq il-Ġibjun u parti ta' Triq Ġuljetta Lopez. Il-Kunsillier Sciberras xtaq li jiġu inklużi wkoll skond il-priorita, Triq iż- Żinja, Triq Petunja, Triq Begonja (kurduni), Triq Ġiżimin, Triq Għorgħar u Triq Ċinerarja u l-kumplament tal-kunsill qabel.

5.4.8 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attendew għal laqgħa mal-**Ministru tal-Ambjent** fejn ġew diskussi diversi punti, fosthom biex isir maintenance agreement għaż-żamma ta' Ġnien iċ-Ċiniżi; sistema ta' irigazzjoni u benches fil-picnic area; tiġi rranġata s-sistema ta' irrigazzjoni tal-jogging track kif ukoll l-water fountain; installazjoni ta' eco sound barriers mal-jogging track u Ġnien is-Serenita; għajnuna finanzjarja sabiex tiġi relocated il-BCRS; għajnuna sabiex jinqalgħu s-siġar il-mejta li hemm madwar il-lokalita; arblu tad-dawl mgħawweġ sabiex jiġi rranġat. Il-Kunsilliera Sciberras u Debattista qablu li mhux sew li bħala Kunsill ma ġejnix infurmati il-kundizzjonijiet qabel peress li l-art hija tal-Kunsill.

5.4.9 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsilliera D'Amato u Sciberras sabiex jagħtu rendikont tal-konferenza li attendew għaliha ġewwa ċ-**Ċina**. Il-Kunsilliera D'Amato preżentat r-rigal li ġew mgħottija waqt il-konferenza lis-Sindku.

Il-Kunsilliera D'Amato skużat ruħha imma kellha tħalli l-laqgħa (8.30pm)

5.4.10 Is-Sindku nfurmat li rċivejna **Skema oħra SPI/SCI/07/2024 – Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet Pubbliċi**. Il-Kunsill qabel li japplika sabiex isir manutenzjoni tal-faċċata tal-Kunsill u ż-żewġ latrini li jinsabu fi Ġnien is-Serenita. (Annex 1)

5.4.11 Is-Sindku infurmat li rċivejna korrispondenza mingħand l-AKL 2024/053 rigward il-**European Mobility Week**. Is-Sindku ssuġġeriet sabiex napplikaw għal 2 electric wheelchairs sabiex jintużaw fi Ġnien is-Serenita għal min għandu nuqqas ta' mobilta. Il-Kunsill qabel unanimanent.

5.4.12 Is-Sindku infurmat li wara li rċivejna suġġeriment mingħand Street Naming Committee sabiex il-Kunsill isemmi l-jogging track: Spazju Rikreattiv **Raymond Mahoney** u Trejqet Ġensa. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jissemmew: Spazju Rikreattiv l-Artist Raymond Mahoney u Trejqet l-poeta ta' San Ġużepp.

5.4.13 Is-Sindku infurmat li attendiet għal laqgħa tar-**Reġjun**, fejn ġie maħtur Viċi President ġdid, is-Sur Mario Calleja u spjegat il-pjan tal-Managers tar-Reġjun. Il-minuti tar-Reġjun ġew iċċirkolati qabel is-Seduta.

5.4.14 Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera responsabbli tal-Animal Welfare infurmaw li ser jibdew jitqassmu l-vouchers tal-**Cat Feeders**.

5.4.15 Is-Sindku infurmat li bi qbil mal-Kunsilliera, inbidlu l-ħinijiet tal-**librerija** mit-23 ta' Settembru 2024 minħabba li l-librara huma indisposti f'ċertu ġranet. Il-Kunsilliera qablu li ssir suggestion box kif ukoll li 2 impjegati tal-Kunsill jieħdu kors tal-librara għal li jista jinqala.

5.4.16 Is-Sindku infurmat li rċivejna korrispondenza sabiex isir **internship ta' Clerk** ta' student unpaid għal 4 gimgħat. Il-Kunsill approva unanimament.

5.4.17 Is-Sindku infurmat li illum beda x-xogħol fuq l-**stage** Begonja minn Infrastructure Malta. Il-Kunsill flimkien ma' IM u FACES, għaddejin f'komunikazzjoni kontinwa sabiex il-bus shelters (FACES) jitwaħħlu mill-aktar fis.

5.4.18 Is-Sindku infurmat li ser isir kors minn **AKL 2024/52 Making Numbers work for you,** fejn kulħadd jista jattendi.

5.4.19 Is-Sindku iltqagħet ma min jieħu ħsieb l-**School Grannies**, flimkien ma impjegat tal-Kunsill nhar l-24 ta' Settembru 2024 ġewwa l-Kunsill. Dan is-servizz jinvolvi anzjani li għandhom il-fuq minn 60 sena li jassistu lit-tfal siegħa qabel jidħlu siegħa x'ħin joħorġu mill-iskola. Din hija skema miftuħa għal min għandu 'l fuq minn 60 sena. Dawn l-anzjani jitħallsu €5.50/siegħa, fejn il-Kunsill joħroġ il-pagament fix-xahar wara li tinġabar l-attendenza, u l-Active Ageing tagħti r-refund lill-Kunsill wara li tiġi preżentata l-invoice. Sabiex anzjan ikun eleġibbli, jrid ikollhom kondotta nadifa u ċertifikat mediku. Din l-inizjattiva hija miftuħa għall-iskejjel primarji, għalhekk sar kuntatt mal-Kunsill ta' Ħal Tarxien sabiex tiġi organizzata laqgħa sabiex l-anzjani ta' Santa Luċija jkunu jistgħu jagħtu s-sehem tagħhom. Il-Kunsillier Sciberras issugerixxa sabiex bħala Kunsill inħalsu dan is-servizz għall-iskola tal-knisja li tinsab fil-lokalita tal-Kunsill ta'

Santa Luċija. Is-Sindku infurmat li qed tistenna risposta mingħand tal-School Grannies qabel ma nkunu nistgħu imexxu..

5.4.20 Is-Sindku rċiviet talba mingħand Right 2 Smile għal użu tat-Tea Room għal 15 il-sezzjoni mingħajr ħlas ta' **Pyschotherapy** għal adoloxenti. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.21 Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mas-Sur Alex Spiteri nhar it-3 ta' Settembru 2024 fejn ġie diskuss li jinbeda **Santa Luċia Community Sports Club** sabiex jiġu organizzati diversi attivajiet sportivi fosthom Basketball, Football u Aerobics. Dan il-Klabb ser jiġi launched nhar il-5 ta' Ottubru 2024 waqt il-European Week of Sport. Is-Sur Spiteri ser jieħu ħsieb jikrea paġna fuq is-social media u l-Kunsill ikun co-host, sabiex il-ġenituri jkunu jistgħu japplikaw lit-tfal tagħhom. Is-Sur Spiteri permezz tal-klabb ser jieħu ħsieb il-football u basketball sessions mingħajr ħlas. Il-Kunsill approva din il-proposta.

5.4.22 Is-Sindku infurmat li s-**siġar tal-prinjoli u taċ-cipress** jistgħu jinżabru għalhekk ser naraw jekk jistgħux isiru ta' Triq il-Prinjoli u Triq id-Dawl u l-kantunieri.

5.4.23 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill għamel rapport lill-Planning Authority dwar il-**billboard** li jinsab illegalment f'Dawret it-Torri. Is-SE infurmat li f'każ li l-billboard huwa propjeta tal-President ta' Malta, bħala Planning Authority ma tista tagħmel xejn.

5.4.24 Is-Sindku infurmat li impjegat tal-Kunsill li għola fl-Skala f'Novembru 2022, skond il-Collective Agreement 2012-2016 jrid jingħata b'2 **notches** b'lura. Il-Kunsill qabel unanimament, jiddependi wara li jiċċekja l-Accountant (Annex 2)

5.4.25 Is-Sindku infurmat li rċivejna kopja tal-MOU qabel ma jiġi finalizat tal-**Victim Support Agency.** Il-Kunsilliera qablu li naċċettaw li nippruvaw nitolbu li l-ammont jiġi miżjud. (Annex 3)

5.4.26 Is-Sindku infurmat li biex jitnaqqsu l-spejjeż tal-cameras, wifi, eċċ tkellmet ma Kunsill li sabu l-**mobile cameras** komdi, anke peress li tista titmexxa. Il-Kunsilliera qablu li nippruvawha, wara li jinġiebu stimi differenti.

5.4.27 Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Sciberras xtaq iżid mal-Minuti tas-Seduta Nru. 4 (Laqgha b'Urgenza) il-Minuti 28, 29, 37 tal-Leġislaturi ta' qabel, sabiex ikun hemm kontinwazzjoni dwar l-istorja tat-Traffic Management. (Annex 4)

5.5 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

5.5.1 **Il-Kunsilliera D'Amato** staqsiet kull meta u kemm frekwenti qed jiġu monitored il-kolonji tal-stray cats fejn il-cat feeders qegħdin jitimgħu u minn min qed jiġu mħarsa dawn l-postijiet biex jinżammu nodfa. Il-Kunsilliera Debattista bħala r-responsabbilta tagħha hija l-Annimali, infurmat li dawn qed jieħdu ħsiebhom l-Animal Welfare, iżda bħala Kunsill ma għaniex informazzjoni.

5.5.2 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet r-raġuni għalfejn l-kuntrattur qed tħalli l-boroż mal-knis tat-toroq iżjed minn 5 t'ijiem. Il-Kunsillier Sciberras ssuġeriexa bħala l-kunsillier responsabbli sabiex jiżdied impjegat sabiex tiżdied l-frekwenza tal-ġbir ta' skart. Is-Sindku infurmat li l-ewwel irridu niċċekjaw il-Budget tal-Kunsill.

Il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti.

5.5.3 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet lis-Sindku min informa lill-Cleansing Department sabiex jiġi mnaddfa Pjazza 7 ta' Lulju. Is-Sindku infurmat, li l-ħaddiema tal-Cleansing Department marru mingħajr rapport tagħna, għalhekk l-Kunsill ma kellu informazzjoni dwar dan ix-xogħol.

5.5.4 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet lis-Sindku dwar x'inhuma l-marki li hemm fl-art fi Triq il-Prinjoli u Dawret it-Torri. Is-Sindku infurmat li s-sinjali huma tal-Melita u tal-Go minħabba l-Earthing għall-Belishia lights.

5.5.5 **Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet lis-Sindku għaliex id-dawl taz-zebra crossing mhux jixgħel kif ukoll jekk jistgħux isir id-dawl maz-zebra crossing il-ġodda. Is-Sindku wieġbet minħabba li għad m'hemmx Earthing.

5.5.6 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa għalfejn kellha tagħmel ix-xita sabiex titnaddaf Triq il-Lellux miż-żrar. Is-Sindku wiġbet li ħaddiem tal-Kunsill iltaqa mal-kuntrattur li qabbad IM sabiex jurihom xi tħalla warajhom.

5.5.7 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa jekk il-pulizija tawniex risposta rigward it-toroq ta' fejn il-pulizija qed tagħmel ir-ronda. Is-Sindku wieġbet li s'issa ma ġejnix mgħottija l-ismijiet tat-toroq, li jista jkun minħabba l-pulizija ma xtaqietx tagħti l-ismijiet tat-toroq minħabba s-sigurta.

5.5.8 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa għal kopja tal-kuntratti li għandhomx x'jaqsmu mar-responsabilta tiegħu. Is-SE infurmat li dawn għalissa ma jistgħux jingħataw minħabba li qed jranġġaw l-filing u dan mhuwiex xogħol ta' xahar peress li hemm ħafna xogħol b'lura.

5.5.9 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kif bqajna fuq il-Water Fountain. Is-Sindku infurmatu li ser jiġu jiċċekjaw Ambjent Malta, kif ukoll ser jiċċekjaw l-irrigation.

5.5.10 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kif bqajna dwar il-ħinijiet ta' tisqija. Is-Sindku infurmatu li meta ċċekjat ma esperti f'dan il-qasam, infurmawha li ma tagħmilx differenza l-ħinijiet. Madankollu kien hemm qbil bejn s-Sindku u l-Kunsillier Sciberras ser jkomplu l-komunikazzjoni ta' bejniethom bħala l-kunsillier responsabbli fuq l-Ambjent. ~~kienet tkellmet mal-kuntrattur. Fakkret lill-Kunsillier li din hija responsabbilta' tiegħu.~~

5.5.11 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa jekk hux possibli li l-bozza tal-għassa jitbaxxa d-dawl tagħha. Is-Sindku infurmat li ġa tkellmet mas-Surġent, u ser terġa tistaqsiha.

5.5.12 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa meta ħa ssir il-parti l-oħra tal-ħitan ta' Triq Maria De Domenicis. Is-Sindku nfurmat li ser tfakkar lill-ħaddiema.

5.5.13 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa sabiex qabel kull seduta jibdew jiġu mibgħuta l-minuti tal-laqgħat li jkunu saru ma entitajiet differenti. Is-SE infurmat li ser tibda tgħaddilhom il-minuti ta' kull laqgħa li tkun saret.

5.5.14 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kif bqajna sabiex jerġa jsir it-tiġdid tal-ID cards fil-lokalita ta' Santa Luċija. Is-SE infurmat li qed niċċekjaw dwarha.

5.5.15 **Il-Kunsillier Sciberras** staqsa jekk hux possibli jiġi mnaddaf il-Wied. Is-Sindku nfurmat li l-ħaddiema nfurmati sabiex jagħmlu dan ix-xogħol ġa.

**5.5.16 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa jekk nistgħuz nżidu Triq Begonja u Triq Katarina Vitale għall-iskema tal-Public Works. Is-Sindku infurmat li ser nibdew ftit il-bankini u għalissa ħa napplikaw għal Triq Oleander, Triq il-Gibjun, Triq Guljetta Lopez. It-Toroq l-oħra jsiru fli jmiss.

**5.5.17 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa meta ser jitwaħħlu l-Caution Signs ħdejn l-iskejjel peress li għadhom ma sarux. Is-Sindku infurmatu li dawn ġew saru. Hi kkonfermat li kienet magħhom meta kienu qed iwaħħluhom.

**5.5.18 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa għalfejn s-siġra taż-żebbuġ li ġiet rigalata lill-Kunsill (li tinsab ħdejn ic-Chess) mietet.

**5.5.19 Il-Kunsiller Sciberras** staqsa dwar arblu tad-dawl li fih spotlight (Triq Prinjol) li qed tikkawża ħsara lill-istess arblu tad-dawl. Din l-spotlight saret b'mod temporanju meta sar il-promenade. Is-Sindku infurmatu li ser tiċċekja dwarha.

**5.5.20 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa rigward meta ħa jsiru l-Belishia Lights f' Dawret it-Torri. Is-Sindku nfurmatu li s-sinjali li saru kienu għal dan l-skop.

**5.5.21 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa għalfejn il-van tal-Kunsill mhux jiġi iggaraxjat filgħaxija. Is-Sindku infurmatu li mhux jiddaħħal minħabba s-sitwazzjoni personali.

**5.5.22 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa kif għadu ma tranġġax l-arblu tad-dawl li jinsab fi Triq Katarina Vitale (ta' faċċata tal-għalqa taż-żiemel). Is-SE infurmat li dan jrid jiġi rregolarizzat.

**5.5.23 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa jekk hux possibli li jsir repaint tal-Stop Sign li tinsab Triq Maria De Domenicis k/m Triq M.Mifsud. Is-Sindku infurmatu li ser tinforma lill-ħaddiema.

**5.5.24 Il-Kunsillier Sciberras** staqsa jekk hux possibli li jduru s-siġar li jinsabu fi Triq San Piju X. Is-Sindku infurmatu li ser tinforma lill-kuntrattur.

**5.5.25 Il-Kunsilliera Debattista** talbet sabiex jsir ftehim bil-miktub rigward l-użu tas-sala ta' St. Thomas Moore, biex ikun b'mod uffiċjali. Is-Sindku infurmat li dan mhux ser ikun possibli qabel ma jkun hemm ftehim mal-Ministru fuq hekk.

## 5.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku ressqet l-skeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Il-Kunsilliera Debattista ippropona u ssekonda l-kunsillier Sciberras.

## 5.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fid-9.20pm u ġiet aġġornata għall-nhar is-Sibt 26 tax-xahar ta' Ottubru 2024 fit-8.30am.

Konfermati, illum 26 ta' Ottubru 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |